# Ġlormu Darmanin
## *L-Istatwarju tal-Vari Titulari*

Angelo Schembri

Lejn nofs is-seklu dsatax, il-manifestazzjonijiet esterni tal-festi tal-qaddisin fl-irħula u l-ibliet Maltin, ħadu xejra oħra, hekk kif bdew jiżdiedu b'mod notevoli numru ta' statwi ġodda kemm għall-purċissjonijiet u ferm aktar għall-armar ta' barra. Bħal ġiet ri-skoperta s-sengħa tal-ħidma fil-kartapesta, li kienet ġiet introdotta f'pajjiżna minn Mastru Saverio Laferla madwar mitt sena qabel fit-tiswir ta' diversi vari tal-Ġimgħa l-Kbira fin-Naxxar, il-Belt, l-Isla, Ħal Qormi, Ħaż-Żebbuġ u ż-Żejtun, fost l-oħrajn.


Din il gimgħa, bl'achar dispiacir ta kalbna, ghanna inhabbru il meut ta ħabib tagħna; ta l'artista
Giomu Darmanin,
li uara marda l'actar kasira, izda l'actar kalila, bid-deni, giè mekrud mil meut nhar il Hadt li ghadda, l'Isla, fl'età ta 45 sena! Min chelhom darba, jista igheid x'bniedem chien; x'kalb ta ang'lu. Ghat-talent li chellu, u l'gost ghal dauc il vari a statui li chien jagħmel, chem ucoll ghax-xoghol tar-'rham, in-n'os ta Malta colla tista tati xeida tal bila tighou ghaliex ma nafux jecc aunx loc li ma tinsabx xi hagia mix-xoghol tighou. Daun ta Darmanin, ùna jinsemmu fil Gzira ghal g'miel ta hedmitom.
Icollu il Cbir Alla ħniena mir-ruħ tighou, u isabbar, jahasra! lil martu u 't-tliet ulied li halla, li imgħargha il-coll jinsabu fi dmeh l'actar ahrax ghal edin it-telfa ecrda ghazisa.

Avviż tal-mewt ta' Ġlormu Darmanin

Is-sengħa tal-kartapesta kienet twarrbet meta għadd ta' artisti Maltin bħal Mariano Gerada, Pietro Paolo Azzopardi, Salvatore Psaila u Alessandro Farrugia, serqu x-xena tal-arti sagra Maltija b'diversi opri mill-aqwa, skolpiti fl-injam b'influwenza Spanjola. Iżda hekk kif lejn nofs is-seklu dsatax titfaċċa fl-istorja l-Familja Sengleana Darmanin, naraw żvilupp ġdid u ferm importanti għall-festi kif nafuhom illum.

Oriġinarjament il-mestier tal-Familja Darmanin kien dak ta' marmisti, b'għadd ta' lapidi funebri li għadhom jixhdu l-kapaċitajiet artistiċi ta' livell għoli li kellhom f'din is-sengħa prestiġġjuża. Iżda Karlu Darmanin, bħal infatam mill-kumpanija ta' missieru Giuseppe Darmanin e Figli, li kienet ilha mwaqqfa sa mill-1708 minn nannuh, l-ewwel fi Triq il-Lvant il-Belt Valletta u iżjed tard fi Triq il-Kbira San Ġużepp il-Ħamrun. F'din is-sengħa ta' tiswir ta' statwi tal-kartapesta, ma' Karlu ingħaqdu ħuh Giovanni u n-neputi tagħhom Ġlormu, bin ħuhom Salvatore. Mhux magħruf li ħadmu flimkien, anzi l-istil tagħhom ftit jew wisq jintgħaraf, iżda l-kunjom Darmanin komuni bejniethom, għall-ġenerazzjonijiet sħaħ ħawwad lil diversi storiċi u kritiċi tal-arti dwar min hu l-awtur minnhom it-tlieta ta' diversi opri artistiċi. Ħafna drabi, il-mertu kien jispiċċa jaqa' fuq Karlu, peress li kien l-iżjed magħruf fosthom, kien l-iżjed popolari fil-kummissjonijiet ta' statwi u l-iżjed li għex bejnhom it-tlieta. Illum il-ġurnata, b'ħafna riċerka li saret matul is-snin, nistgħu ngħidu li qrobna iżjed lejn il-verità dwar dawn it-tliet statwarji u xogħlijiethom.

Gerolamo Darmanin twieled fit-12 ta' Ġunju 1834 miż-żwieġ ta' Salvatore u Maria Anna née Frendo fid-dar numru 174, Strada Due Porte l-Isla. Dakinhar stess huwa ttieħed fil-Kolleġġjata ta' Marija Bambina tal-Belt Invicta, u tgħammed minn zijuh Dun Lorenzo Frendo Rossi u minbarra ismu Ġlormu, ingħata l-ismijiet Giuseppe, Lorenzo, Michele, Felice, Filippu u Vittorio. Bl-isfond artistiku familjari li huwa trabba fih, ma setax jonqos li Ġlormu ma jiddakkarx lejn l-arti huwa wkoll, u fil-fatt insibuh jgħin fid-Ditta tal-irħam ta' missieru u ħutu sa minn eta bikrija. Iżda ħaġa tal-għaġeb kienet li Ġlormu, aktar milli bħala marmista, beda jikseb isem għalih inniffsu għall-istatwi tax-xemgħa fini li beda jaħdem.

Fl-1851, id-Ditta Giuseppe Darmanin e Figli ipparteċipat f'esebizzjoni industrijali ta'

xogħlijiet miftuħa għad-dinja kollha f'Londra. Minbarra l-opri tal-irħam li ippreżentat id-Ditta, Ġlormu ħa sehem permezz tal-imsemmija statwi tax-xemgħa, u l-ġurija ikkonkludiet li bihom kien laħaq livell ta' eċċellenza. Sa dak iż-żmien, fil-fatt kien diġà ħadem erba' statwi tax-xemgħa, fosthom tnejn li jirraffiguraw lill-Gran Mastri De Valette u Zondadari. Erba' snin wara, Ġlormu Darmanin reġa' ippartecipa f'wirja simili li saret f'Parigi, u s-sett statwetti tax-xemgħa li huwa ppreżenta, ġew meqjusa bħala ta' kwalità superjuri milli kien diġà esebixxa iżjed qabel.

Eżempju ta' opra fl-irħam maħduma minn Ġlormu Darmanin fl-1858, hija lapida ta' qabar tan-negozjant Lorenzo Farrugia Bugeja li llum tinsab fil-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt Valletta f'kuridur li jwasslek għas-sagristija. Fis-27 ta' Lulju 1856 Ġlormu żżewweġ lil Gasparina Demajo u marru jgħixu fid-dar numru 10, Strada Vittoria l-Isla. Minn dan iż-żwieġ twieldu erba' wlied: Amelia, Giuseppina, Giuseppe u Ester Maria. Fiż-żmien li qed nitkellmu dwaru, Ġlormu kien fetaħ il-ħanut tax-xogħol tiegħu f'numru 12, Strada Stretta l-Furjana.



L-istatwa tal-Madonna tas-Sacro Cuor meqjuma ġewwa s-Santwarju tal-Grazzja, f'Ħaż-Żabbar

Ftit tas-snin wara, il-Beatu Papa Piju IX, fuq talba ta' diversi Isqfijiet u Kardinali u anke xewqa tiegħu personali wara l-burraxka li kienet għadha kemm għaddiet minnha l-Knisja, ipproklama lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Universali fit-8 ta' Diċembru 1870. Dan l-avveniment xegħel u ħeġġeġ mill-ġdid id-devozzjoni lejn ir-Raġel Ġust tal-Madonna. Bdew jitwaqqfu diversi fratellanzi u sodalitajiet f'ġieħu, li xprunaw statwi għall-purċissjonijiet devozzjonali jew saħansitra festi bil-partiti fl-irħula.

Fi Ġlormu Darmanin, dawn il-fratellanzi sabu l-persuna meħtieġa biex jipprovdilhom statwi tal-Patrijarka għall-purċissjonijiet. F'Lulju ta' dik is-sena stess, iġifieri qabel il-proklamazzjoni tal-Patroċinju fuq il-Knisja Universali, iżżanżnet l-ewwel waħda minn dawn l-istatwi Ġużeppini, eżattament f'Ħaż-Żebbuġ. Minbarra din, Darmanin ħadem ukoll l-istatwi ta' San Ġużepp li jinsabu fil-Ħamrun, fin-Naxxar, fil-Furjana u fl-Isla, belt twelidu.

Minbarra d-devozzjoni lejn il-Patrijarka San Ġużepp, dan iż-żmien kien ukoll rinaxximentali għall-għaqdiet u fratellanzi oħra Marjani, speċjalment wara d-dehriet tal-Madonna f'Lourdes fl-1858. Għalhekk Ġlormu Darmanin ġie wkoll ikkummissjonat bl-istatwi tal-Madonna taċ-Ċintura tal-Għarb Għawdex, il-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarxien u żewġ statwi tal-Madonna tal-Qalb ta' Ġesù, popolarment imsejħa s-Sacro Cuor, kemm għall-Parroċċa tagħha f'tas-Sliema, kif ukoll għall-Parroċċa ta' Ħaż-Żabbar. Dawn l-erba' statwi Marjani huma xogħol partikolari ta' Ġlormu Darmanin, kif sejjer nispjega.

Il-Madonna taċ-Ċintura tal-Għarb hija statwa mill-isbaħ li l-għamla ta' wiċċha ma jidher li kien użat f'ebda statwa oħra li sawwar Darmanin. Il-Madonna tad-Duttrina f'Ħal Tarixen li qed tgħallem it-tfal li jirrappreżentaw il-klassijiet soċjali tal-pajjiż, ġiet modifikata mill-istatwarju Gudjan Anġlu Dalli, madwar 50 sena wara li żżanżnet. Fost l-oħrajn inbidlet ras il-Madonna u ċċekken il-mant li kien idur mat-tfal b'sens ta' protezzjoni. Hija ħasra li mhux talli ħadd ma jaf x'sar mir-ras oriġinali, iżda anke li anqas qatt deher fil-pubbliku ritratt tal-istatwa bid-dehra oriġinali tagħha.



L-istatwa tal-Madonna taċ-Ċintura

L-istatwi tas-Sacro Cuor għal tas-Sliema u Ħaż-Żabbar minkejja li bl-istess titlu tal-Madonna, ma jixtibhux. L-istatwa Slimiża kienet fil-fatt l-aħħar xogħol ta' Ġlormu Darmanin qabel miet ftit wara li lestieha, u żżanżnet sentejn wara meta tlestiet il-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Minuri. L-istatwa Żabbarija, ironikament hija magħrufa iżjed bħala l-Madonna tad-Duttrina. Fl-imgħoddi kienet issirilha festa sekondarja bl-inizjattiva tas-Soċjetà Filarmonika Maria Mater Gratiae. Għal din l-istatwa, l-imsieħba tal-imsemmija każin kienu kkummissjonaw bradella mill-isbaħ fl-1934, b'disinn tal-magħruf ebanista Manuel Buhagiar. Billi sena wara, iġifieri fl-1935, sar il-Konċilju Reġjonali li mpona restrizzjonijiet fuq il-festi sekondarji, din il-bradella spiċċat li qatt ma ġiet użata għall-iskop oriġinali tagħha u fil-fatt bdiet u għadha sal-lum tintuża għal taħt l-istatwa titulari tal-Madonna tal-Grazzja.

Għal din il-Festa tal-Madonna tad-Duttrina, Karlu z-ziju ta' Ġlormu, fl-1899 ħadem l-istatwa tal-Madonna Turris Eburnea, li kienet tintrama fuq torri għoli f'ġieħ din l-invokazzjoni tal-Litanija - Torri tal-Avorju. L-unika statwa li nafu li nħadmet minn Ġlormu Darmanin għall-armar ta' barra hija dik ta' Ġuditta għall-Isla. Dari din l-istatwa sabiħa kienet tintrama fuq pedestall artistiku ddisinjat minn Ġużè Farrugia ġo nofs Strada Vittorja. Sfortunatament dan il-pedestall ġie meqrud bil-ħidma tal-għadu fit-Tieni Gwerra Dinjija u llum l-istatwa tintrama preċiż faċċata tal-bieb prinċipali tal-Bażilika ta' Marija Bambina.

Nhar il-Ħadd 3 t'Awwissu 1879, fit-7.45 ta' filgħodu, Ġlormu Darmanin radd ruħu lura lill-Ħallieq wara marda qasira u krudili. Miet fl-għomor qasir ta' 45 sena, f'dar numru 79, Strada Due Porte, l-Isla, fejn għex ħajtu kollha. L-għada mas-sebħ, huwa ndifen fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid. Ftit tal-jiem wara, il-ġurnal popolari il-Ħabbar Malti ippubblika eloġju qasir dwar il-kwalitajiet sbieħ tal-istatwarju Darmanin u sejjaħlu "kalb ta' anġlu". Hekk ġiet fi tmiemha wkoll il-karriera artistika qasira ta' Ġlormu Darmanin, li nħasad minn fostna fl-aqwa żmien ta' ħajtu, meta anke kien immatura artistikament. Fortunatament għalina, xogħlijietu għadhom sal-lum il-ġurnata miżmuma tajjeb u meqjuma b'devozzjoni u mħabba kbira.

Bibljografija:
Remembering Sculptor Gerolamo Darmanin on his 180th birthday - Fabian Mangion f'The Sunday Times of Malta 15 ta' Ġunju 2014
Ġrajjietna - Storja ta' 125 sena - Ronald Mizzi f'Soċ. Fil. Maria Mater Gratiae Żabbar Festa 2008.
Il-Ħabbar Malti 9 t'Awwissu 1879

Il-Komunità Franġiskana u l-Kummissjoni Festi, flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Sliema u l-Kunsill Pastorali Parrokkjali jawguraw il-Festa t-Tajba lil kulħadd.